## QRATI KRIMINALI INFERJURI

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA LL.D.

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**VS**

**ALISON CUTAJAR**
**(ID Nru.: 435785M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 565/2015**

Illum,13 ta` Awwissu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Alison Cutajar, detentrici tal-karta tal-identita` numru 435785 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar l-ewwel (1) ta`Lulju, 2015, bejn l-ghaxra ta` filghodu u nofsinhar (10:00hrs – 12:00hrs) gewwa l-venda tal-Furjana u f'dawn il-Gzejjer:

1. Uzat kliem jew imgieba ta` theddid, abbuzivi jew insolent, jew esebixxiet xi materjal miktub jew stampat li jkun ta` theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort'ohra jgib ruhu b'dakil-mod, bil-hsieb li b'hekk qajjmet vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta` persuni fuq bazi ta` generu, identita` tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b'hekk

holqot il-probabbilita` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali;

2. U kif ukoll talli bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta` Daboma Ibibo Jack, weggghatu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor b’dan illi r-reat kien aggravat jew motivate, ghal kollox jew b’xi mod parzjali b’mibgheda kontra persuna jew grupp ta` persuni, fuq bazi ta` generu, identita` tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini nazzjonali jew etnika, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbet kontra Daboma Ibibo Jack sabiex tingurjah, iddejjqu jew taghmillu hsara b’dan ili r-reat kien aggravat jew motivat, ghal kollox jew b’mod parzjali b’mibgheda kontra persuna jew grupp ta` persuni, fuq bazi ta` generu, identita` tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini nazzjonali jew etnika, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 82A, 252, 83B, 339 (1) (d) u 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-istess imputata skuzat ruhha ghal-komportament taghha matul dan l-incident u d-dikjarazzjoni li l-intenzjoni taghha qatt ma kienet li toffendi jew b’xi mod tnaqqas il-gieh u r-reputazzjoni ta` Daboma Ibibo Jack.

Fid-dawl ta` din id-dikjarazzjoni, Daboma Ibibo Jack jaccetta l-iskuza u jaghzel li ma jixhedx fil-proceduri li hemm fil-konfront tal-imputata Alison Cutajar. Iz-zewg partijiet qiedghin jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta` xulxin. Din il-Qorti semghet lil PS601 Justine Spiteri, PC538 Raymond Azzopardi u PC1514 Daniel Debattista fejn iddikjaraw li huma waslu fuq il-post wara l-incident u li ma raw xejn dwar dan l-incident. Ix-xhud PC89 Joseph de Brincat jaghzel li ma jixhedx.

**Ghal dawn il-motivi:**

Il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit fejn applikabbli u liberazzjoni fl-akkuzi li mhux rinunzjabbli stante nuqqas ta` provi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D.,**
**MAGISTRAT**